MALTA

# QORTI KRIMINALI
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## GALEA DEBONO JOSEPH

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2002

Numru 6/2002

**Att. T'Akkuza Nru. 6/2002**
**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Mario Falzon**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 6 tas-sena 2002 kontra l-akkuzat Mario Falzon, li bih huwa gie akkuzat talli fl-14 ta' Jannar, 1999 fl-isptar Monte Carmeli, Attard, bil-vjolenza kkommetta stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor, b'dan, li r-reat kien tali li l-persuna li fuqha sar l-abbuz ma setghetx tirrezisti minhabba marda tal-gisem jew tal-mohh, jew ghal raguni ohra ndipendenti mill-eghmil tal-hati, inkella minhabba l-mezzi qarrieqa li l-hati jkun inqeda bihom, u b'dan ukoll, li l-hati nqeda bil-kwalita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, kif ukoll bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta' dan ir-reat li huwa kellu

jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Rat l-atti kollha proceswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat illi fis-seduta tal-bierah, 11 ta' Novembru, 2002, l-akkuzat Mario Falzon , ghad-domanda kienx hati jew mhux hati skond l-Att tal-Akkuza wiegeb li kien hati ;

Rat li wara din il-Qorti tat lill-istess akkuzat zmien biex jerga' jahsibha w wara li wissietu bil-konsegwenzi li jista' jkollha tali ammissjoni ta' htija, l-akkuzat rega' wiegeb ghall-mistoqsija billi rega tenna li hu hati skond l-Att tal-Akkuza;

Semghet ix-xiehda mitluba mid-difiza tal-akkuzat dwar il-piena w cioe' lil Dr. Joseph Vella Baldacchino, L-Ispettur Simon Galea, l-Probation Officer Maryanne Zammit u lill-mart l-akkuzat Connie Falzon ;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni w tad-Difiza dwar il-piena ;

Tiddikjara lill-Mario Falzon hati skond l-Att tal-Akkuza numru 6 tas-sena 2002 u cioe' talli fl-14 ta' Jannar, 1999, fl-Isptar Monte Carmeli, Attard, bil-vjolenza, kkommetta stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor, b' dan li r-reat kien tali li l-persuna li fuqha sar l-abbuz ma setghetx tirrezisti minnhaba marda tal-gisem jew tal-mohh jew ghal raguni ohra ndipendenti mill-eghmil tal-hati , nkella minhabba l-mezzi qarrieqa li l-hati jkun inqeda' bihom , u b'dan ukoll, li l-hati nqeda' bil-kwalita' tieghu ta' ufficjal pubbliku , kif ukoll bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta' dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi .

Ikkunsidrat dwar il-piena l-kondotta tal-hati u l-fatt li hu gja gie misjub hati darbtejn ta' reati kontra l-paci u l-unur tal-familji u kontra l-morali, darba qabel il-kommissjoni ta' dan ir-reat li bih hu akkuzat illum u darba wara ; c-cirkostanzi partikolari kollha ta' dan il-kaz, fejn l-agir vjolent huwa

prezunt mill-ligi u mhux ghax ezista fizikament - ghax fil-fatt irrizulta li l-vittma tar-reat ippartecipat attivament fl-attivita' sesswali li saret bejnha u bejn il-hati u anki stiednet l-istess u hadet sodisfazzjon bl-istess atti - imma ghax minhabba mard tal-mohh hi ma setghetx tirrezisti; kif ukoll il-fatt li l-hati nqeda bil-kwalita' tieghu ta' ufficjal pubbliku biex seta' jwettaq dar-reat; l-fatt li l-akkuzat ammetta l-htija tieghu fi stadju bikri tal-process u kkollabora bis-shieh mall-Pulizija li nvestigaw il-kaz u stqarr maghhom eghmilu mill-ewwel; qieset ukoll dak li xehed Dr. Joseph Vella Baldacchino dwar il-kondizzjoni medika tal-hati u l-kura li qed jissomministra lill-hati kif ukoll dak li rrelataw l-esperti psikjatrici fir-rigward tal-hati kif ukoll tal-vittma ;

Qieset ukoll li minhabba l-parametri tal-ligi dwar il-piena applikabbli ghar-reat kif dedott la huma applikabbli d-dispozizzjonijiet tal-Kap.152 tal-ligijiet ta' Malta u lanqas dawk tal-artikoli 28A sa 28 I tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u li din il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ohra hlief li tapplika l-piena karcerarja fuq l-ammissjoni tal-hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu ;

U ghal dawn il-motivi , wara li rat l-Artikoli 198, 201 (b) , 202 (a) , 206 , 141 , 31 u 533 tal-Kodici Kriminali (Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta), tikkundanna lill-hati ghall-erba' snin prigunerija li minnhom irid jitnaqqas kull periodu li fih il-hati dam arrestat in konnessjoni ma dan ir-reat u inoltre tikkundannah ihallas is-somma ta' hames mija u disa w sittin lira Maltin u hamsa w ghoxrin centezmu (LM569.25c) spejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-kaz a tenur tal-art. 533 tal-Kap.9 u fl-ahhar nett tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li jassikura li l-hati jibqa' jircevi il-kura medika li qed jircevi bhal issa billi isir kull liaison mat-tabib kuranti tieghu Dottor Joseph Vella Baldacchino li jkun mehtieg .

(ft) Joseph G. Galea Debono

Imhallef

Paul Miruzzi
Assistant Registratur